# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar t-Tnejn 23 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 43/2014 JPG**

**Kawza Numru: 4**

**F u M konjugi Z**
**(ID .....M u .....M)**
**VS**
**Il-Ministru ghall-Famija u Solidarjeta Socjali u l-Avukat Generali**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors guramentat ta' F u M konjugi Z, datat 12 ta' Gunju 2014 (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi r-rikorrenti ghandhom sitt itfal, u cioe C ta' sittax (16) – il sena, JS ta tlettax (13) – il sena, MR ta' hdax (11) – il sena, ML ta ghaxar (10) snin, JF ta' tmien (8) snin, u A ta' tliet (3) snin.*

2. *Illi fis- sitta u ghoxrin (26) ta' Novemberu tas-sena elfejn u tlettax (2013) inhareg Ordni ghal-Harsien fil-konfront tat-tfal kollha tal-konjugi Z, hlief ghal C, li kien diga ghalaq is-sittax – il sena meta inhareg l-ordni fil-konfront ta' hutu.*

3. *Illi l-konjugi Z oggezzjonaw ghall-imsemmi Ordni ghal-Harsien, permezz ta' ittra datata tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013).*

4. *Illi permezz ta' hames (5) sentenzi separate kollha datati dsatax (19) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) moghtija fl-Atti tal-Ordni ghal-Harsien a favur ta' JS Z, fl-Atti tal-Ordni ghal-Harsien a favur ta' MR Z, fl-Atti tal-Ordni ghal-Harsien a favur ta' ML Z, fl-Atti tal-Ordni ghal-Harsien a favur ta' JF Z, u fl-Atti tal-Ordni ghal-Harsien a favur ta' A Z, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorreni cahdet l-oggezzjoni maghmula mir-rikorrenti u ordnat li l-Ordnijiet ghal-Harsien fil-konfront tal-hames minuri jibqu fis-sehh.*

5. *Illi permezz tar-Rikrosi datati tnax (12) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) ir-rikorrenti talbu lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Minorenni sabiex tirrevedi jekk ghadx hemmx bzonn illi l-Ordinijiet ghal-Harsien hawn fuq imsemmija jibqu fi-sehh u jekk ikun il-kaz tordna r-revoka taghhom, jew tirreferi l-kwistjoni lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi rigward ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.*

6. *Illi permezz tad-digrieti datati tlettax (13) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) l-Onorabbli Qorti tal-Minorreni cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.*

7. *Illi skond il-ligi, l-Ordnijiet ghall-Harsien huma permanenti u r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda mezz fil-ligi sabiex jitolbu r-revizjoni tal-Ordni tal-Harsien li nhareg fil-konfront ta' uliedjom minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali.*

***B. Ragunijiet ghat-Talbiet Attrici***

8. *Illi l-ligi taghna ma holqitx procedura gudizzjarja, oltre l-ewwel revizjoni li tista' tintalab biex ssir mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorrenni, sabiex jigi attakat l-ordni ghall-harsien jew sabiex issir revizjoni dwar iz-zamma fis-sehh ta' dak l-ordni ghall-harsien. Minflok, tali revizjoni tista' ssir biss fuq id-*

*diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hareg l-Ordni u mill-organi interni fi hdan l-istess Ministru.*

9. *Illi ghalhekk, ir-rikorrenti m'ghandhomx access ghal sistema gudizzjarja li toffri smiegh xieraq, senjatament Qorti indipendenti u imparzjali illi tista' tirrivedi l-Ordnijiet ghall-Harsien li nhargu fil-konfront ta' uliedhom. Fil-fatt fis-sentenza taghha tas-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), f'kaz rigward l-Ordinijiet ghal-Harsien, il-Qorti ta' Strasbourg kienet sabet illi l-Istat Malti kien ikkommetta ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi f'dawn il-kazi ma jezistix ghal persuni kkoncernati '... access to a court to challenge the care order affecting their family situations.'*

10. *Illi t-tgawdija tal-ulied mill-genituri taghhom u ta' dawn minn uliedhom hija element ewlieni u fundamentali tal-hajja tal-familja. It-tnehhija tal-ulied minn mal-genituri taghhom tista titqies bhala indhil fid-dritt jew ir-rispett tal-hajja tal-familja ta' persuna. Tali indhil jista' jammonta ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali sanciti that l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, jekk dan ma jkunx skont il-parametru tal-ligi, jekk kif interpretatai fil-kazistika tal-Qorti.*

11. *Illi stante li l-Ordnijiet ghal-Harsien m'humiex ta' natura temporanja, izda jibqu' jissussitu sakemm il-minuri jalqghu tmintax – il sena, jew sakemm l-Awtoritajiet kompetenti, fid-diskrezzjoni totali taghhom, ikunu tal-fehma li ghandhom jitnehhew, dawn l-Ordnijiet huma lezivi tad-drittijiet tar-rikorrenti hekk kif sanciti tajt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dana peress illi f'kaz ta' Ordni ta' Harsien 'the taking of a child into care should normally be regarded as a temporary measure to be discontinued as soon as circumstances permit, and any measure of implementation of temporary care should be constent with the ultimate aim of reuniting the natural parent and the child.'*

12. *Illi inoltre, il-fatt li r-revizjoni tal-kaz li ssir mill-**Awtorita' Kompetenti** hija skont il-ligi ma jfissirx awtomatikament illi din tissodisfa l-parametri tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-procedura ta' revizjoni f'dawn il-kazijiet taghti lil*

*Awtoritajiet kompetenti diskrezzjoni bla razan u hija nieqsa mill-element ta' foreseeability. Ghalhekk dan jissarraf fi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti sanciti that l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi l-Istat naqas mill-obbligu affermattiv tieghu '... to provide procedural safeguards against arbitrary treatment as a condition of justifying intereference with article 8 rights is also a feature of decisions to remove children from their parents in the interests of the children's welfare and to impose conditions upon the access of parents to their children who are in public care.*

***C. Talbiet***

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif sanciti that l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja*

3. *Taghti kull rimedju effettiv ghall-vjolazzjonijiet lamentati inkluz skont ic-cirkostanzi tal-kaz, ir-rexissjoni tal-Ordnijiet ghal-Harsien imsemmija,*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-risposta datata 4 ta' Lulju 2014 tal-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali u tal-Avukat Generali, (vide fol 9 et seq), li taqra hekk;

*Illi in suċċint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li qed jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom a tenur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba allegat nuqqas ta` access ghal Qorti sabiex jigi ezaminat jekk il-Care Order in ezami mahruga validament u skond il-ligi ghal-ulied l-konjugi Z*

*ghandhiex tibqa fis-sehh (Art. 6) u qed jigi allegat ukoll li din l-istess ligi qed tilledi d-dritt ghall-hajja familjari ta` uliedhom (Art. 8)*

*Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti. L-esponenti ma kisru l-ebda dritt fundamentali anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi.*

1. *Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 6 jibda biex jinghad li huwa fatt assodat anke mill-gurisprudenza li l-fatt li ligi ma tispecifikax procedura specifika ta` rimedju quddiem il-Qrati ma jfissirx li ma hemmx access ghal Qorti ghall-finijiet tal-Konvenzjoni. Pero` fil-kaz tal-Kap 285 dan jipprovdi mekkanizmu shih ta` rimedju kemm quddiem il-Qorti kif ukoll permezz ta` reviews regolari u monitoring kontinwu tas-sitwazzjoni meta care order ikun fis-sehh. Il-Kap 285 u r-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 285.01 jipprovdu ghall-garanziji kollha necessarji li jilhqu bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-minuri u tal-genituri naturali fost ohrajn sabiex il-Care Order ma tibqax in vigore aktar mill huwa mehtieg. La darba Care Order tohrog mill-Ministru, l-imsemmija Regolamenti jistabilixxu procedura shiha ta` case reviews regolari mhux biss mat-tfal imma anke tar-rikorrenti allura ma huma qed jigu negati minn ebda dritt li jinstemghu. Ghalhek kdawn is-salvagwardji li hemm fil-ligi ma jippregudikawx l-essenza tad-dritt innifsu kif sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

2. *Illi wkoll il-Care Order mhijiex legalment irrevokabbli u dan kif jirrizulta mill-Artikolu 4(5) tal-Kap 285.*

3. *Illi ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-artikolu 6.*

4. *Illi dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni anki hawn kull allegazzjoni ta` ksur hija infondata. Ghalkemm l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprotegi d-dritt ta` kull individwu ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, pero` f`kazijiet illi jikkoncernaw minuri, bhal fil-kaz in dizamina, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jiehdu in konsiderazzjoni l-ahjar interess tal-minuri koncernat. Il-hrug ta` Care Order mill-Ministru hija mizura socjali f`pajjiz demokratiku li jhares*

*l-interessi tat- tfal u zgur mhijiex xi haga li hija intiza biex iccahhad id-dritt ghall-familja tal-genituri b`mod kappriccjuz.*

5. *Illi effettivament l-iskop u l-funzjoni tal-Kap 285 huwa proprju li jiggarantixxi rispett lejn il-hajja, id-dinjita`, kura u protezzjoni tal-minorenni minn hajja familjari li kienet qed tkun ta` detriment serju ghal hajja fizika, mentali u psikologika tal-minorenni bhalma huma l-fattispecje tal-kaz odjern.*

6. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kellu jigi meqjus minn din l-Onorabbli Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta` dan id-dritt l-esponent jeccepixxi li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu tal-artikolu 8 in kwantu huwa skond il-ligi u mehtieg f`socjeta` demokratika.*

7. *Illi dejjem minghajr pregudizzju fir-rigward tat-tielet talba li jkun hemm rexissjoni tal-Ordnijiet tal-Harsien, l-esponent huwa tal-fehma li din hija insostenibbli u li dan mhux il-forum idoneju fejn jista jintalab li l-ordinijiet tal-harsien jigu rexissi.*

8. *Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet taghha tal- 5 ta' Lulju 2017, li jirrigwardha talba tar-rikorrenti ghall-access tal-'*case note'* .(Vide fol 176)

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ezebiti;

Sehmet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet ta' F u M konjugi Z, datata 22 ta' Dicembru 2017.(Vide fol 238)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, datata 22 ta' Jannar 2018. (Vide fol 266)

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Fl-affidavit tieghu il-missier F Z[1] xhed** illi hu u martu M ghandhom sitt itfal; C ta' sbatax-il sena (17), JS ta' erbatax-il sena (14), MR ta' tlettax-il sena (13), ML ta' hdax-il sena (11), JF ta' disgha snin (9) u A ta' erbgha snin (4). Z xhed li C jattendi skola tal-Gvern Terzjarja u qed jistudja t-teknologija u computers, filwaqt li t-tfal l-ohra jattendu l-iskola tal-Gvern tat-T u dik ta' L. Tlett darbiet fil-gimgha hu jew martu jiehdu t-tfal ghand s-sorijiet ghal ghajnuna bil-homework ghaliex jixtiequ t-tfal taghhom jmorru tajjeb fl-iskola.

JS ibaghati minn *Chronic Renal Failure* u dan mit-twelid, tant li gie operat l-Ingilterra u jirrikjedi checkups regolari. Ghal habta tas-sena 2001 ceda s-saqaf tal-fond fejn kienu jirrisiedju u sakemm nghatghaw post tal-gvern erbgha jew hames snin wara, il-familja kienet kostretta tghix f'zewgt ikmamar R. R-rikorrent stqarr illi ma kellux mezzi biex jghajjex il-familja f'post ahjar.

R-rikorrenti xhed illi kienu jghinuhom zewg social workers, Tiziana Farell u Daniela Galea li ghamlu hafna gid mal-familja taghhom waqt li kienu R u ghenuhom jiksbu post minn ghand il-Housing.

Ir-rikorrent xhed li fi Frar tas-sena 2011, JS kien informah li s-Social Worker staqsietu jekk hu (l-attur) kienx harqu u ghalhekk kien ha lil JS ghand t-tabib Dr Glenn Micallef li kien invistah u hareg certifikat mediku[2]. Dok GM1 regward JS.

Fil-Milied tas-sena 2011, Daniela Galea infurmatu li kienet ser taghlaq il-file ghaliex kien jidher li kollox kien sewwa.

Minhabba li bidlu l-lokalita', bdew izuruhom s-social workers Sonia Schembri u Amanda Muscat. F'Marzu 2012, Sonia Schembri kienet cemplitlu biex jiehu lil ML ghand Dr

[1] Vide fol 17 et seqq

[2] Vide certifikat mediku fol 21

Roberta. Ir-rikorrenti gie nformat li din t-talba saret mill-iskola ta' ML. Meta hadu lil ML ghand Dr Roberta din waqfet s-session meta ntebhet li hadd ma kien nforma lil genituri b'xejn.

Fis-sena 2013 r-rikorrenti kellu bzonn firma ghal applikazzjoni ghal passaport li s-social workers rrifjutat li tiffirmaha, r-rikorrent kien irrabja maghha.

Ghal habta ta' April, Mejju, baghtu ghalihom tal-Appogg u rieduhom jiehdu lil ML ghand psikjatra. Ir-rikorrenti wiegibhom li biex isir dan ried certifikat tat-tabib li jikkonferma l-htiega ta' psikjatra ghal bintu.

Fis-6 ta' Ottubru 2013 t-tfal marru l-iskola normali u hu u martu rcevew t-telefonata mil-Ghassa tal- Pulizija. Meta marru l-ghassa il-Pulizija, zewg nisa tawhom ittra li ndikat li kien hareg Ordni ta' Harsien fuq uliedhom. Huwa kien mar il-Ministeru biex jistaqsi ghalfejn kienu hadulu t-tfal. F Z kien infurmahom bil-mistura li kellu bzonn JS u bil-kundizzjoni medika tieghu ta' *renal failure* u ha l-mistura l-ghassa tal-Pulizija skond instruzzjonijiet li nghata. Kien mar l-Appogg u Dr Antonich u Amanda Muscat spjegawlu li kienu hadulu t-tfal ghaliex ma hax lil ML ghand il-psikjatra u ma hax lil JF (li kien ghadu jaghmel tahtu) ghand t-tabib. Gie nformat li setgha jappella.

Kien intavola Appell mill-Ordni tal-Harsien pero dawn gew ikkonfermati. Ghal perjodu twil, ma setghawx jaraw t-tfal u ma kienux jafu fejn qeghdin. Sussegwentement il-Bord ppermetta li jaraw t-tfal darba f'gimgha.

Minkejja l-allegazzjoni ta' abbuz fiziku u sesswali, il-Pulizija qatt ma nterrogawh fuq dawn l-affarijiet. Ir-rikorrenti ilmenta li hu u martu mhumiex involuti fid-decizjonijiet li jittiehdu fuq uliedhom, ma jafux jekk qattx ser jerghu jghixu maghhom u li huma intavolaw din il-kawza ghaliex l-Ligi ma ttiehomx mezz kif l-Ordni tal-Harsien permanenti jigu riveduti u b'mod independent u mparzjali.

A fol 23 tal-process gie ezebit rikors kontenenti talba ghal referenza kostituzzjonali datat 12 ta' Marzu 2014 u d-digriet tal-Qrati tal-Magistrati datat 13 ta' Marzu 2014.[3]

**L-omm M Z a fol 78 fl-affidavit** taghha kkonfermat x-xhieda ta' zewgha. Hija kkonfermat illi hi u zewgha ghandhom relazzjoni tajba u jghinha fit-trobbija u kura tat-tfal.

[3] Vide fol 22 sa 41

Xhedet illi hija tbaghti minn *Scizophernia* u tiehu pinnoli kuljum biex il-kundizzjoni taghha tigi kkontrollata . Xhedet illi hija tqum kmieni fil-ghodu biex tara li t-tfal jinhaslu ta' kuljum u jilbsu l-uniformi, ghalkemm hija tahsel lit-tfal iz-zghar. L-attrici xhedet illi t-tfal taghha kienu tfal normali u jobdu. La hi u lanqas zewgha qatt ma refghu idejhom fuq uliedhom.
Is-social workers kienu jmorru d-dar u qatt ma gibdulha l-attenzjoni taghha li xi wiehed minn uliedha kellu xi problema. Sostniet illi dejjem laqghet lis-social workers fid-dar taghha u kienet rikonoxxenti lejhom ghaliex kienu jghamlu gid mal-familja taghha.

L-attrici sostniet illi hija ma taqbilx illi hemm il-htiega ta' *Care Order* u kienet qed tintavola din l-azzjoni ghaliex tixtieq mezz kif tigi reveduta il-*Care Order* ta' uliedha minn Tribunal independeti mill-Appogg u l-Ministru.

**C Z a fol 80 et seqq**, iben ir-rikorrenti u li kien spicca kors l-MCAST, spjega li ommu kien l-persuna li l-aktar li tiehu hsieb it-tindif fid-dar izda hu u hutu kienu jghinu wkoll. Ikkonferma li rigward l-*homework* tat-tfal, ommu kienet tiehu t-tfal ghand s-sorijiet kwazi ta' kuljum. C xehed li ghandu relazzjoni tajba ma hutu u mal-genituri tieghu. Sostna illi s-social workers kienu jkellmu lil JS l-aktar. JS kellu problema fil-kliewi u l-genituri tieghu kienu johduh l-isptar regolarment. Xhed li s-social workers jew il-Pulizija qatt ma kellmuh jew akkuzawh li ghamel xi jaga hazina lil hutu. ***'Zgur li mhux vera li jien qatt ghamilt xi haga hazina lil huti'*** – Vide fol 81.

**AM (habib tal-familja) a fol 831 xhed** li kien habib tar-rikorrent u kien imur ghandhom ta' spiss. Xhed li kien jara lit-tfal ferhana u qatt ma ra glied jew ghajjat. Xhed li ommhom kienet tindukrahom u tippreparalhom l-*lunch* tal-iskola, taghmillhom xaharhom, twassalhom il-muzew u ghand s-sorijiet biex jaghmlu il-*homework.* It-tfal tar-rikorrenti kienu tfal normali, edukati man-nies u kienu jhobbu hafna lil xulxin.

**Ruth Sciberras**[4] **Direttur tal-Agenzija Appogg xhedet** illi in segwitu ta' *Care Order* il-***Children & Young Persons Advisory Board*** jaghmel ir-*reviews* kull sitt xhur , biex jisma' lill-professjonisti u s-social workers involuti li jkun qed jimxi mal-pjan ta' kura tat-tfal. Ruth Sciberras xhedet illi qabel din il-laqgha ta' kull sitt xhur, il-professjonisti u social

[4] Vide fol 89 et seqq

workers , jiltaqghu, jaraw il-*care plan*, il-progress tat-tfal u jirrakommandaw pjan ghal gejjieni. Quddiem il-Bord konsultattiv[5], dawk il-materji kollha jigu diskussi, u jsir ezami tal-pjan li jigi diskuss u jigi deciz ghandux jinbidel dan il-pjan jew isir bdil fl-access ghat-tfal. Quddiem il- Bord jitressqu u jigu decizi wkoll affarijiet straordinarji jew urgenti.

Il-genituri tat-tfal mqeghda taht Ordni tal-Harsien jistghu jitolbu li jidhru quddiem dan il-Bord konsultattiv li jirrevoka *Care Orders* 'b'mod regolari' ghaliex l-ghan ta' *Care Order* hu r-reintegrazzjoni tat-tfal fi hdan il-familja. Fil-kas in ezami, Ruth Sciberras xhedet illi ghamlu sforzi kbar biex t-tfal jibqghu jghixu flimkien u ma jigux separati.

Sciberras xhedet illi l-hamest itfal tar-rikorrenti kellhom hafna problemi serji. Tifel minnhom kellu problema tal-kliewi u ser jehtieg *kidney transplant*. Hija sostniet illi kull talba tal-genituri jew tat-tfal titressaq mill-Appogg lill-Bord. **Sciberras xhedet illi kienet taf bis-sentenza tal-Qorti ta' Strasborg datata 17 ta' Lulju 2012 u minkejja li l-emendi ghadhom ma sarux taf illi qed 'tinhadem l-Ligi l-gdida tac-child protection'.**[6]

**Fit-12 ta' Dicembru 2014, il-Qorti semghet lil MR permezz ta' *video conference***, tifla ta' tlettax-il sena (13). Hija xhedet illi kienu sitt (6) itfal u li l-kbir ma joqghodx maghhom u li l-etajiet ta' hutha l-ohrajn kienu minn 4 snin sa 14- il sena.

MR tkellmet fuq il-hbieb taghha tal-iskola u semmiet t-tlett iskejjel li kienet attendiet. Xhedet illi fil-*break* tal-iskola kienet tiekol l-*lunch* li kienet tippreparahulha ommha, meta kienet tattendi l-ewwel skola; u issa jippreparawulha il-*Carers*. Il-*Carers* kienu jippreparaw l-hobz u s-*salad* u ommha kienet tipprepara l-hobz. Fl-ewwel skola xhedet li kienet tmur bil-mixi waqt li fit-tieni skola kienet tmur bil-*private*. Xhedet illi waqt li kienet qed taghmel il-*homework*, hutha kienu joqghodu jghajtu. Qatt ma marret xi privat jew ghand haddiehor biex taghmel il-*homework*. Gieli kienu jmorru l-bandli wara li jlestu mill-*homework* u kien jakkompanjahom huhom il-kbir.

Mistoqsija kif kienet tmur ma' huwa l-kbir, MR wiegbet ***'tajjeb gieli'***[7] u gieli joqghod jirrabja ftit. Fid-dar tal-genituri kienet tilghab ma' huta s-subien u bit-*toys*. Fid-dar tal-genituri taghha kien hemm zewgt ikmamar tal-banju. MR kienet l-ewwel wahda li tohrog ghall-iskola u kienet l-ewwel wahda li tinhasel fil-ghodu. Qabel ma tghalmet tinhasel waheda, ommha kienet tghinha tinhasel. Dan kien jghodd ukoll ghal huha.

---

[5] Li jaqa taht l-Awtorita' tal-Ministru tal-familja.

[6] Vide fol 92

[7] Vide fol 100.7

MR xhedet illi kienet tghin lil ommha billi tippostja x-xirja, kulhadd kien jifrex soddtu, pero ommha kienet tisbarazza. Xhedet illi hija kellha relazzjoni tajba mal-genituri taghha. Kienet tiftah qalbha mas-social workers.

Minn mindu bdiet tghix mal-*Carers,* tara lil ommha darba kull gimghatejn. In-nanniet ukoll izuruhom u jigu mal-genituri. L-ewwel social workers li tiftakar kienet Amanda u MR kellha ghaxar snin (10), izda tiftakar ukoll lil Sonia. MR wiegbet illi kien hemm tifla li kienet tibbulljahha l-iskola izda lil Amanda qaltilha biss fuq il-*bullying* li kien isehh fid-dar tal-genituri taghha, bhal meta hutha kienu[8] jqattghulha l-affarijiet inkluz il-kotba tal-iskola. MR xhedet illi dan kien jigri ghaliex ma setghetx taghlaq il-bieb (ghax ma kienx hemm bibien interni fid-dar) u b'hekk hutha s-subien gieli anke raqdu maghha. Meta qalet lil genituri taghha fuq it-tqattiegh tal-kotba tal-iskola, ma ghamlu xejn.

MR kienet tiddejjaq meta hutha s-subien jorqdu maghha u meta kienet tghid lil ommha ma kienet taghmel xejn, inkluz missierha. MR xtaqet lill-genituri taghha jergghu jibdew imorru jzuruhom kull gimgha. Xtaqet ukoll terggha tmur d-dar imma ... (t-tifla ma komplietx titkellem). Mitluba tispjega, xhedet li tixtieq tmur d-dar ghax timmisja lil genituri.

MR xhedet illi xtaqet illi jekk terggha tmur d-dar, hutha s-subien ma jidhlux fil-kamra taghha u ma jorqdux maghha.

Xhedet illi tmur tajjeb mal-*Carers* kollha, li dawn jghinhuhom bil-*homework* u li jmorru xi dawra meta jispiccaw il-*homework*. MR xhedet illi l-marki tal-iskola tjiebu kemm ilha mal-*Carers.*

Meta kienet l-iskola, kien hemm tifla li kienet tghidilha li hwejjigha koroh u MR kienet tiddejjaq b'dan, imma qatt ma qalet xejn lil ommha. Il-genituri taghha qatt ma ndunaw li hija kienet mdejjqa. Gieli kienet tmur ghand s-*sisters* biex taghmel il-*homework*.[9] MR xhedet illi missierha ma jahdimx avolja fil-passat kien jahdem izda hi ma tiftakrux jahdem. Xhedet illi kienu ghexu f'diversi proprjetajiet u meta kienu joqghodu f'razzett kellha disgha snin (9), izda f'dan iz-zmien hija kienet tmur biss fil-*weekend* ghax matul il-gimgha kienet tghix man-nanniet ghax hekk xtaqet. F'dan ir-razzett kien hemm zewgt (2) iklieb u zewgt (2) iqtates, sriedaq u hamiem. F'dan ir-razzett kien hemm zewgt ikmamar, wahda ghall-genituri u wahda ghalihom t-tfal.

[8] Vide fol 100.4
[9] Vide fol 100.21

Missierha kien il-hin kollu jixtrilhom il-helu. Meta kienet taghmel ix-xita s-saqaf kien jqattar ghax kien tal-pjanci tal-hadid. Kien hemm *toilet* u *shower* separati u r-razzett kellu ilma u dawl.

Ma JS kienet tiggieled ta' spiss u jaqbad jaghti. Kien ikollha tpartat l-affarijiet li kienet ggib minn ghand nannitha ghaliex inkella kien johodomlha.[10] Xhedet illi giet mgharfa bil-*Facts of Life* minn ghand l-ghalliema taghha.

Mistoqsija jekk qattx graw affarijiet sesswali ma' JF, MR wiegbet ***'Le, JF le, ma JF le'.*** Cahdet li kien isir affarijiet sesswali ma JS.

**Meta kienu jilaghbu fil-bitha, kienu jkunu gharwenin**[11]. Kienu joqghodu jisketjaw bl-ilma u s-sapun tal-platti. **Din il-loghba kienet tissejjah *'a rape day'* u semmiha hekk JS**.

MR xhedet illi kellha habiba u kienet tilghab maghha ta' spiss u darba ghamlitilha kartolina u qaltilha xi haga pastaza – ta' natura sesswali. Xhedet illi hutha z-zghar qatt ma wegghawha meta kienu jorqdu maghha fis-sodda izda huwa il-kbir gieli wegghaha ghaliex gieli sawwatha bil-ponn, izda qatt ma saru affarijiet sesswali.

Xhedet illi waqfu jilghabu l-loghba ***a raping day*** ghaliex missierha qalilhom li kienet haga pastaza li jilaghbu bla hwejjeg.

**JS permezz ta' *video conference* xhed a fol 100.40 et seqq** illi kellu erbtax-il (14) sena, imur l-iskola tal-Gvern u kien qieghed Form III ghaliex irrepeta sena. Xhed li kien sejjer tajjeb fl-iskola. Meta kien jghix ghand il-genituri tieghu, kien jghinu huh il-kbir. JS stqarr li jixtieq jghix ma' ommu. Kien johrog u jilghab iktar. Xhed illi gieli marru l-iskola ndaf u gieli nhaslu, izda mhux ta' kuljum. JS xhed li kien jorqod fil-kamra tas-sodda ta' hutu l-bniet. Avolja kellhom karma tas-sodda ghalihom, hu u hutu s-subien, kienu jinzlu jorqdu mal-bniet ghax ***'gieli nibzghu'***.[12]

Xhed li jaf bil-*Facts of Life* ghaliex spjegawhomlu fl-iskola. Innega repetutament li gara xi haga sesswali bejnu u bejn MR.

Mistoqsi fuq il-loghob bl-ilma u s-sapun tal-platti, jghid li kienu joqghodu jisketjaw.

A fol 100.49 xhed li f'din il-loghba ma kienux jilbsu qliezet u kienu jsejhulha ***'a rape day'.***[13]

Mistoqsija *'Qatt gara xi haga sesswali JS?'*

---

[10] Vide fol 100.27
[11] Vide fol 100.30
[12] Vide fol 100.44
[13] ibid

Twegiba *'Mhux dejjem.'*

**Xhed li kienu jigru affarijiet pastazi waqt li kienu jilghabu l-loghba *'a rape day'* u anke fis-sodda**. Ma kellux idea jekk il-genituri tieghu kienux jafu x'qed jigri. JS xhed illi huhom il-kbir gieli kien ikun jilaghab maghhom izda mhux din il-loghba.[14]

Qatt ma semma il-loghba ***'rape day'*** mal-genituri tieghu ghaliex kien jaf li kienet kelma pastaza u l-genituri kienu ser jirrabjaw mieghu.

JS reggha tenna li jixtieq jghix ghand ommu ghaliex t-tfal kollha jghixu ghand ommhom[15]. Xhed li qed jara lil genituri tieghu kull hmistax.

**Xhed li C gieli qaghad jimmasturba quddiemu u quddiem hutu.[16]**

Xhed illi kien imur tajjeb ma' ommu. Mistoqsi jekk qattx kien hemm xi incidenti li nvolvew s-skieken. JS xhed illi kienu ***'jgaraw s-skieken'***[17] lejn min ma jobdix. Dawn kienu skieken bil-ponta zghar. Xhed illi gieli semgha b'films pornografici u gieli rahom id-dar.[18] Xhed li fil-films pornografici kien ikun hemm mara bla hwejjeg u ragel li ukoll jinza il-hwejjeg. Hu kien ra film wiehed biss ta' dan it-tip. Kien cert li missieru qatt ma kien prezenti meta ra dawn il-films pornografici li huh C kien inizzel mill-WiFi.[19]

JS xhed li huh il-kbir kien jghidlu li la jikber ghandu jaghmel bhalu (bhal huh il-kbir) u kien jghidlu dan ta' kuljum. JS xhed li qatt ma qal lil genituri tieghu fuq dan li kien jaghmillu C ghaliex kien jibza, u dan anke meta C kien isawtu. Xhed li qatt ma qal lil genituri fuq il-pornografija ghax kellhom x'jahbu ghaliex kien jaf li kienet xi haga hazina. La missieru u lanqas ommu ma kienu jafu fuq il-films pornografici li kienu jaraw.[20]

**N Z a fol 102 fl-affidavit** taghha xhedet li hija omm l-attur. Xhedet li hija dejjem ikkonsidrat r-relazzjoni ta' binha u martu mat-tfal taghhom bhala wahda normali. Xhedet illi MR kienet ghamlet zmien tghix maghha flimkien ma huha il-kbir. Peress illi kienet tghix vicin tar-rikorrenti, MR kienet izzur lil genituri taghha u lil hutha ta'spiss. Xhedet li kienet baqghet skantata meta r-rikorrenti qalilha li tal-Appogg kienu hadulhom t-tfal u binha kien ghamel hiltu biex igib t-tfal lura d-dar.

[14] Vide fol 100.52
[15] Vide fol 100.54
[16] Vide fol 100.55
[17] Vide fol 100.57
[18] Vide fol 100.59
[19] Vide fol 100.60
[20] Vide fol 100.66

Xi tlett xhur wara kienet rciviet telefonata min ghand Amanda Muscat li nformatha li xtaqet tiltaqa maghha u qaltilha li setghet tmur tara lin-neputijiet taghha. Ghall-ewwel bdiet tmur tara lin-neputijiet kull gimgha izda meta tal-Appogg informaw lir-rikorrenti li setghu jmorru jaraw lit-tfal kull gimghatejn, anke hi baqghet tara lit-tfal kull gimghatejn ukoll ghaliex kellha dizgwit ma' Amanda Muscat.
Xhedet li darba MR  bdiet tibki u urietha  dbengila li qalet li ghamlitilha tifla li tkun fil-kamra maghha u hi nsistiet li jmorru ghand il-Pulizija u li MR tigi invistata minn Tabib u hekk gara. Hija stqarret illi binha ghamel minn kollox biex jiehu t-tfal lura u mhux sew li kollox ha f'idejh l-Appogg.

**Sonia Schembri, social worker a fol 110 et seqq** xhedet illi meta kienet tmur taghmel il-*house visits* fid-dar tar-rikorrenti, kien ikun hemm *chaos* fid-dar, s-soltu r-rikorrenti F Z ma kienx ikun d-dar jew kien ikun fuq, waqt li l-omm kienet tipprova tlahhaq mal-ingieba kaotika tat-tfal. Schembri xhedet illi kienet issugeriet lil genituri jiksbu ghajnuna mill-'*Home Start'*. Illi dan gie rrifjutat. Illi l-imgieba tat-tfal tar-rikorrenti kien mhux biss kaotiku izda inkwetanti – JF ta' sebgha (7) snin kien jipporga tahtu l-iskola waqt li tifla ohra ma kienet titkellem qatt fl-iskola. Illi ghalhekk kienu ssugerew li jsir *physiological assement* fuq it-tfal, il-genituri kienu irrifjutaw. Schembri xhedet illi l-*home visits* kienu jizvelaw l-agir koatiku tat-tfal bl-omm tipprova tikkoregi lit-tfal u kienu jieqfu ghall-mument u jergghu jaghmlu dak li kienu qed jaghmlu qabel, tant li l-omm kienet tirassenja ruhha.

**Amanda Muscat [21], social worker xhedet** illi hija kienet involuta mat-tfal tar-rikorrenti fis-sena 2012 u sa ftit wara li Harget l-Ordni ta' Harsien. Xhedet illi hija kienet tara lil familja l-Appogg, l-Access, l-iskola u d-dar taghhom.
Muscat xhedet illi meta hija u social workers ohra kienu jiltaqghu mal-genituri, **kien il-missier li jitkellem u meta tipprova titkellem xi ftit l-omm, kien iwaqqafha *'qisu fir-relazzjoni kien iktar dominant hu milli hi.'*[22]**
Muscat xhedet illi meta kienet tmur fuq *home visit* u ssib lil omm u t-tfal, kien pjuttost koatici, biz-zghir jaghmillha xenati (tantrum) u *'ma kienetx tkun taf kif ghandha*

[21] Vide fol 110.6
[22] ibid

*tihhandiljahom. Kienet tipprova tikkoregi lit-tfal meta jgibu ruhhom hazin, izda t-tfal hafna drabi ma kienux jobduha.'*

Muscat xhedet illi waqt li l-bniet kienu jmorru tajjeb flimkien u zewg subien z-zghar kienu jilaghbu flimkien, **s-subien il-kbar kienu jkunu ghalihom**. Muscat xhedet illi l-ghalliema tal-iskola kienu jkellmuhom ukoll anke fuq nuqqasijiet ta' *stationary* waqt li l-attegjament tal-genituri kien li ma kienx hemm diffikultajiet. Fil-fatt kienet n-nanna tat-tfal li hallset ghall-*istationary* li kien hemm bzonn.[23] Anke waqt is-*Supervised Access Visits* (SAV's) t-tfal kienu jikkomunikaw sew man-nanna paterna.

**Daniela Galea[24] xhedet illi** t-tfal kienu gew referuti lil social workers minhabba negligenza u abbuz fiziku. Xhedet li kienet bdiet taghmel *home visits* mis-sena 2010 u kienet tmur anke ghal ghar-rieda. Kienet tkellem lit-tfal fl-iskola ukoll. Waqt il-*home visits,* kien hemm element ta' hmieg u nuqqas ta' *privacy* fis-sens li l-kmamar tas-sodda ***'il-kamra tal-banju ma kellhomx bibien u ghalhekk t-tfal, meta jkunu qed jinhaslu kienu jkunu esposti ghal xulxin. Ftit ftit is-sitwazzjoni bdiet titjieb'***. Galea xhedet illi hija segwiet t-tfal bejn 2010 u 2012 fejn hasset illi t-tfal ma kienux f'riskju. Xhedet illi meta gibdet l-attenzjoni tal-omm, **wara xi gimgha kienet ghamlet purtiera mal-kamra tal-banju**.

Minkejja li qatt ma rat griehi fuq it-tfal, l-istess tfal kienu stqarrew xi affarijiet, izda l-omm kienet twiddeb t-tfal u harget molla u t-tfal waqfu milli jesprimu ruhhom fuq dan it-tip ta' abbuz.

Xhedet illi f'dan il-perjodu il-missier kien siefer ma JS ghaliex dan kien jehtieg intervent mediku barra minn Malta. L-omm kienet tnizzel l-appuntamenti mediku tat-tfal fuq kalendarju. Galea kienet irrekomandat li t-tfal jibqghu jigu segwiti b' *follow ups*.[25] **Xhedet li kien hemm tifla minnhom li ghalkemm kienet titkellem d-dar, qatt ma kienet tikkomunika l-iskola.**

**Joseph Antoncich a fol 131.33 xhed** li huwa Leader tas-Servizz ghal Harsien tat-Tfal. Huwa xhed illi fis-snin 2007/2005 kien ircieva l-ewwel rapport mill-ghalliema tal-iskola u mbaghad mis-servizz ta' Harsien tat-tfal fuq r-rikorrenti u l-familja taghhom. L-ewwel rapport tal-iskola kien jikkoncerna iz-zewg subien il-kbar li kienu traskurati fi hwejjighom.

[23] Vide fol 110.9
[24] Vide fol 125 et seqq
[25] Vide fol 128

**Kienu jmorru l-iskola bi hwejjeg mahmugin u mqattghin, bi zraben imqatta u ma kienx hemm rispons mil-genituri**. Kien hemm inkwiet anki dwar il-*lunches* tat-tfal. **It-tifel il-kbir kien jahrab mid-dar u jirritorna tard**. Dan ir-rapport gie mmarkat DOK JA1 fejn fost l-ilmenti fuq indikati, jidher li t-tifel il-kbir kien qed jisraq il-flus mill-iskola u mid-dar. C dak iz-zmien kellu bejn 10 u 11 il-sena. L-ewwel *home visit* kienet fis- 26 ta' Novembru, 2007. Dak iz-zmien kienu jghixu go razzett bla luce eletrika u l-provista tal-ilma kienet limitata u bis-saqaf tal-kamra tas-subien iqattar[26]. Dak z-zmien **l-omm kellha t-tarbija JF u kienet fi stat mentali hazin ghaliex kienet f'psikozi ghaliex kienet tbaghti minn skizofrenija**[27]. Antoncich flimkien ma' social workers ohrajn kienu thabtu ghall-familja biex tinghata *housing* decenti u sabiex l-omm tinghata kura psikjatrika. L-attur kien *boarded out* u ghalhekk ma setghax jahdem. Fl-istat ta' sahha mentali l-omm ma kienitx f'qaghda li tikkoregi u tihhandilja l-familja taghha.

**C kien *bully* u kien jikkalpesta lil JS u jerfgha jdejh fuqu u jinkih,** li ghalhekk C gie referut lil *Child Guidance Clinic*, u sar hafna xoghol fuq dan it-tifel. Fis-sena 2010 dahal rapport mill-PSD Teacher ta' **C lil nforma lil ghalliem li kien qed ihossu sesswalemnt frustarat ghaliex ma kellux mara li taqdilu l-bzonnijiet tieghu, frazi li ftit tisma minn tifel ta' dik l-eta'. C qal li kien jara films pornografici.** Antoncich spjega kif hadem mal-omm u ma' C. **Dan it-tifel xhed illi kien jiddejjaq li missieru kien jara l-films pornografici fil-kamra tieghu li kien jghidlu biex ibaxxi s-sound. Dan kien spicca f'konfront fiziku bejn il-missier u C**. Minkejja d-diffikultajiet taghha, t-tfal kienu jhobbu l-omm u jhobbu joqghodu fil-kumpanija taghha. Illi wara dan li kien ghadda l-kaz lil Daniela Galea. Antoncich xhed illi C qallu li JS ukoll kien beda jara l-films pornografici u mar jghid lil hutu z-zghar u qala' xebgha minn ghand missieru.[28] Antoncich xhed illi r-razzett kien malandat u ma kienx hemm *WC* u t-tfal kienu kostretti jippurgaw f'toqba fl-art. Din setghet kienet r-raguni il-ghaliex s-subien kienu jaghmlu tahthom anke fl-iskola – Vide JA3 a fol 131.12). Fis-sena 2012 il-familja inghatat *Housing* meta l-familja kienet applikat fis-sena 2000.

**Amanda Muscat prodotta mill-intimati[29] kkonfermat r-rapport** li dahal mill-iskola primarja ta' L **fis-sens li JS u ML ilmentaw b'abbus sesswali u fiziku taht idejn C li**

---

[26] Vide fol 131.19 Dok JA2
[27] Vide fol 131.36
[28] Vide fol 131.19 Dok JA3, Vide ukoll a fol 131.20, 131.21, 131.23, 131.25
[29] Vide fol 131.46

**kien jesponi ruhu quddiem hutu, jimmasturba quddiemhom u jitkellem b'mod esplicitu dwar sess. Di piu' t-tfal kienu jnezzawha lil ML u jxarrbuha u jzommuha waqt li C kien isawwatha.** JS gie rrappurtat mill-Awtoritajiet tal-iskola jghid frazijiet ta' natura sesswali, degredanti u spegorattivi kontra s-sess femminili b'kontenut razzist, ndikati fol 131.47. Fuq dan ir-rapport hi u Daniela Galea ghamlu *meeting* l-Access ta' L. Muscat tat spjegazzjoni tal-intervent taghha mal-fmailja, il- biza' ta' JS u l-*mixed messages* li kellha[30] u kif ma riedtx jibqa jghix d-dar.

Fil-*home visits* Muscat tat spjegazzjoni ta' kif JS ghamel xenata u beda jqatta l-pitazzi u l-kotba tal-iskola u minkejja li **l-omm ghajtet lil zewgha biex jintervieni, dan baqa' ma nizielx minn fuq.**[31]

**Riprodotta Amanda Muscat a fol 133.2 xhedet** illi kien dahal rapport serju fuq JS minn habiba ta' MR li kienet qalet li MR kienet qed tigi abbuzata sesswalment minn JS. JS mitkellem mis-social workers kien ammetta li jara l-films pornografici flimkien ma' C, MR, ML u JF.

Amanda Muscat xhedet illi hija hadmet xi sena biss ma' dawn it-tfal il-ghaliex meta harget l-Ordni ta' Harsien fuq it-tfal, professjonisti ohrajn gew maghzulha ghalihom.

Gieli pero' ghamlet xi *school visit* u gieli kellmet lil Samuel Fenech li qallha li t-**tfal ma kienux jafu jahslu lilhom nfushom u li JF ta' disgha (9) snin kien ghadu jaghmel tahtu**[32] **- anke jismah bil-flokk tieghu stess**[33]**.**

JS kien jehtieg ukoll hafna taghlim fuq t-tip ta' ikel li kien jghodd ghalih minhabba li kellu *renal failure* u kien qieghed fuq *dialyses.*

**MR fil-*home* ghand is-sorijiet kienet tispicca tidhol torqod ma' tifla ohra waqt li ML kienet tbaghti minn *selective mutism***, meta kienet tattendi fl-iskola ta' O pero bdiet titkellem meta marret fi skola ohra.

Muscat xhedet illi fis-*Supervised Access Visits* ghat-tfal, setghu jmorru il-genituri u n-nanniet. F'kull vizita kien ikun hemm prezenti *supervisor.* Il-*visits* s-soltu jibdew darba fil-gimgha, mbaghad jigu awmentati skond il-progress tal-genituri. Is-social workers li hadu il kura tat-tfal wara Muscat kienu Micheal Farrugia u Leah Camilleri.

---

[30] Vide fol 131.50
[31] Vide fol 131.51
[32] Vide fol 133.7
[33] Vide ibid

N-notament ta' Amanda Muscat gew ezebiti bhala AMX[34] li jaffermaw dak li xhedet b'aktar dettal inkwietanti. Amanda Muscat reprodotta[35] ezebiet r-rapport imhejjien quddiem il-Qorti li haregt l-Ordni ghal Harsien tat-tfal – cioe' Dok AMXL 1[36].

**Samuel Fenech[37] xhed illi** huwa inkarigat mill-*home* li fiha qed jirrisjedu l-hamest ahwa Z, insegwitu tal-Ordni ta' Harsien. Samuel Fenech xhed dwar il-*concerns* li kellu minhabba l-agir sesswalment prekoci ta' JS fil-konfront ta' hutu bniet u subien u l-mizuri li ttiehdu. Xhed li kull wiehed u wahda mit-tfal ghandha il-psikologija taghha. Fenech xhed dwar affarijiet bazici li kellhom jghalmu lit-tfal bhal per ezempju kif wiehed jinhasel, *personal bounderies*, il-problema ta' *bed wetting* u *soiling* da parti ta' JF, u t-taghlim u esponar tat-tfal ghal affarijiet bazici – bhala Festa, jew *birthday party* – affarijiet li dawn t-tfal qatt ma kienu esperjenzaw qabel.

Nelfrattemp, t-tfal bdew jaghmlu progress u bdew isaqsu ghal aktar viziti mal-genituri taghhom. Hawn qamet diffikulta da parti tal-professjonisti tal-*home*, ghaliex il-genituri kienu qed jirrifjutaw[38] ghal aktar viziti. Il-genituri – cioe' il-missier sostna li kien jippreferi li ma jkunx hemm zieda fil-kuntatt minhabba l-kawza li kellu l-Qorti.

Illi apparti dan, kien hemm drabi fejn il-genituri kienux jattendu. Fenech ta' spjegazzjoni ta' kif il-professjonisti jippromwovu agir tajjeb fit-tfal li qed juru progress. Xhed li JS kien, fil-fustrazzjoni jew rabja tieghu, jaqbad ikisser li jigi ghal idejh – inkluz t-*tablet* tieghu stess u kif, minhabba s-sieghat twal tad-*dialysis*, reggha inghata *tablet* – li pero' xorta tkisser. Fenech xhed fuq l-progress edukattiv li ghamlu t-tfal u il-*concerns* li ghandu fuq JS f'dan il-qasam.

**In kontro-ezami Fenech ikkonferma illi** s-S*upervised Access Visits* (SAV's) kienu darba fil-gimgha ghal siegha[39] - kull bhar ta' Sibt u dejjem fl-istess hin.

Fenech xhed li s-*sessions* ta' JS mal-psikologa kienu waqfu u bdiet tarah *a health psychologist* u dan l-ahhar, ittiehdet decizjoni li JS jerggha jibda *sessions* ma' psikologista darbtejn fil-gimgha[40].

---

[34] Vide fol 133.12
[35] Vide fol 135.56
[36] Vide fol 135.1
[37] Vide fol 135.58
[38] Vide fol 155.64
[39] Vide fol 135.72
[40] Vide fol 135.74

Fenech xhed li r-rikorrent kien ghamel talba biex jaghmel telefonati lit-tfal, izda din t-talba riedet tigi approvata mill-*Board*. Fil-fatt din giet sollevata quddiem il-*Board*, izda kien hemm *feedback* li l-genituri ma kienux qed jattendi ghal *Supervised Access Visits.*

Jidher minn Dok SF2[41], illi fil-bidu, l-genituri kellhom SAV's darba kull hmistax izda f'Marzu 2015, bdew isiru darba fil-gimgha. Fis-sena 2014 il-genituri ma attendewx ghal sebgha *visits*, fl-2015 il-genituri ma attendewx ghal tlettax-il vista, fl-2016 ma attendewx ghal vista wahda minn Jannar sa Mejju. Dan gie kkonfermat minn Samuel Fenech[42] li kkonferma li t-tfal jittiehdu ghal *visits* fil-*mini-van* tal-Agenzija jew fil-karozza ta' Graziella Pace inkarigata minn dan.

**Micheal Farrugia[43] social worker** mal- *Looked After Children* f'agenzija Appogg, xhed illi hu jiehu hsieb tal- *care plan* ghat-tfal, hamest itfal in kwistjoni.
Semma il-*concerns* u d-diffikultajiet tat-tfal – inkluz *personal soiling* ta' A li ghandu 10 snin li ma kellux problema medika[44]. Xhed li dan t-tifel ikun *defiant* u kuntrarju u qieghed lura fl-iskola izda xorta kien hemm *improvements* fl-agir tieghu.
JS, qieghed lura hafna fl-iskola u dan in vista ukoll tas-sighat li jqatta' f'*dialysis* tlett (3) darbiet fil-gimgha u dan affettwa il-progress tieghu. Xhed illi l-agir ta' JS u l-mod kif jirrabja u kif, meta jirrabja jkisser li jigi ghal idejh. Ghalhekk jehtieg aktar ghajnuna psikologa.
Farrugia xhed illi **f'kull *case review* quddiem il-*Board*, dejjem kien hemm r-rakkomandazzjoni li l-*Care Order* tibqa fis-sehh.**
Farrugia xhed illi huwa insista mal-iskola ta' JF li dan jinghata LSA ghalih wahdu, izda din ma gietx accettata mil-Kap tal-iskola. Huwa xhed li ghal kuntrarju ta' huh JS, meta jirrabja, JF jevita s-sitwazzjoni billi jaqbad u jitlaq – kif ghamel fil-grizma ta' ohtu.
Farrugia spjega x-xoghol preparatorju li jsir qabel il-laqgha tal-Bord u stqarr illi l-genituri qatt ma talbu li jkollhom l-avukat taghhom fir-*reviews* tal-Bord.

**Valentina Bezzina[45], *counselling psychologist*** ta' JS Z xhedet li bdiet tahdem mat-tifel fis-sena 2014. Xhedet li JS kien affaccat b'hafna *problem simultanei* – problem tad-dar –

[41] Vide fol 136
[42] Vide fol 139.1
[43] Vide fol 139.8 et seqq
[44] Vide fol 139.9

problem ta' sahha minhabba *renal failure,* appuntamenti l-isptar, relazzjonijet ma' tfal ohra u dawk ma' hutu. Kellu problema kbira ta' rabja. Di piu' kienet tiehu l-*feedbacks* mill-*carers* u professjonisti tal-*home.*

Fis-sitta u sittin (66) *session* li ghamlet ma' JS, Bezzina xhedet li progress sar, u JS beda jitkellem fuq l-emozzjonijiet , l-esperjenzi u l-opinjonijiet tieghu. Ikkonfermat li l-genituri tat-tfal ma riedux iktar access u riedu li kollox jibqa kif inhu[46]. In kontro-ezami, Valentina Bezzina xhedet li ltaqghet mal-genituri xi hames darbiet. Qatt ma staqsiet lil genituri jekk riedux ikunu assistiti f'dawn il-laqghat. Bezzina intalbet tikseb aktar informazzjoni.

**Dr Valerie Said Conti[47] xhedet** li hija tabiba u specjalizzata fil-qasam tal-kliewi, u li ilha tiehu hsieb ta' JS Z mill-2012. Hija sostniet illi JS twieled bi *congenital defect* fil-kliewi, li ma jkunux jistghu jahdmu tajjeb u jieqfu jiffunzjonaw. Xhedet li JS kellu *renal failure* taz-zewg kliewi. Xhedet illi minn Jannar 2016 beda bl-ghajnuna ta' magni ghal *dialysis.* Minhabba li ghalaq is-sittax-il sena (16), JS m'ghandux medikament kkonsidrat bhala minuri u li issa qed jigi ikkurat minn tabib iehor.

Xhedet illi l-genituri tieghu kienu jattendu ghal kura ta' JS u jiktbu kollox u t-tabiba kienet dejjem terggha tispjegalhom il-kura li jehtieg JS.

**Priscilla Muscat[48], psikologa** fil-qasam tas-sahha f'kondizzjonijiet kronici (bhal dik ta' *renal failure*) xhedet illi fil-bidu JS kellu hafna biza' u anzjeta minhabba it-trattament mehtieg. Illi ftit ftit, JS sar inqas anzjus u naqqset r-rabja tieghu – rabja minhabba il-import tal-marda tieghu, l-ugigh tat-*treatment*, ic-cahda t'ikel li ghalkemm desiderabbli ma kienx tajjeb ghalih. Xhedet illi qatt ma iltaqghet mal-genituri ta' JS.

In-kontro ezami spjegat illi ir-*referral* li sar kien minhabba li JS kien jehtieg trattament aktar invaziv il-ghaliex il-misturi li kien jinghata qabel ma kienux aktar effettivi. Ikkonfermat li hija jkollha *case conference* mal-psikologi l-ohra u li iltaqghet ma' JS xi dsatatx-il darba (19). Xhedet ukoll illi JS kien jirrabja jekk ghal xi raguni l-genituri tieghu ma kienux jattendu ghal visti. Ikkonfermat li psikologikament JS mar il-quddiem u ghamel progress. Priscilla Muscat xhedet illi jidhrilha li tkun haga tajba illi jigu nvoluti il-genituri ta' JS f'dak li ghandu x'jaqsam mat-*treatment* tieghu. Dan anke biex jigi spjegat lilhom il-

[45] Vide fol 142.1
[46] Vide fol 142.6
[47] Vide fol 148.1 et seqq
[48] Vide fol 148.8

periklu ghal JS jekk per ezempju jiekol hafna helu f'daqqa jew xi frott specifiku bhal gheneb.

**Carmen Fearne[49] , chair person** tal-Bord tat-tfal u zaghzagh taht Harsien , xhedet illi ilha f'din il-kariga xi tletin sena (30). Hija spjegat l-irwol taghha kif jithejja pjan ta' azzjoni ghal dawn it-tfal li sussegwentement ikun hemm rakomandazzjonijiet minn social workers, psikologisti, ghalliema tal-iskola, etc. Il-Bord jiltaqgha kemm ikun hemm bzonn izda mal-ġenituri jiltaqgha kull sitt (6) xhur. Hija xhedet illi l-missier xtaq li t-tfal jirritornaw f'daru u ma xtaqx awment fil-hinijet tal-visiti sakemm ma tinqata l-kawza. L-anqas ried jibqa jattendi ghal-laqghat tal-Bord. Fearne xhedet illi meta s-social worker u l-psikologista jirrikomandaw li l-Ordni ta' Harsien titnehha, huma jibdew bil-mod il-mod jirrakomandaw li t-tfal iqattghu aktar zmien id-dar billi iqattghu gurnata shiha, imbaghad jaghmlu xi *sleep over* u dawn il-mizuri jigu awmentati pass pass sabiex il-Bord ikun jistgha jiehu ill-*feedback* mill-ghalliema tal-iskola, mill-gara u anke mill-pulizija fuq l-andament tat-tfal. Fearne ikkonfermat il-fatti li taw lok ghal Ordni tal-Harsien, cioe' traskuragni tat-tfal mill-genituri, abbuz fiziku, u turija ta' films pornografici fid-dar. Hija xhedet illi t-tfal kienu qed jaghmlu progress u mixjin il-quddiem fil-*home*. Ghalkemm ill-missier jghid illi ried t-tfal tieghu d-dar u jsostni li mhux ser imur jarahom aktar, Fearne qiset illi l-Bord mhux qed jara l-progress necessarju da parti tal-genituri biex dan ikun possibli. Is-social workers isostnu, di piu' li ma jistghux jibaghatu t-tfal d-dar tal-genituri taghhom minghajr supervizzjoni.

Fearne xhedet illi waqt ir-*review meetings*, il-genituri tat-tfal ma jkunux assistiti u fil-fatt ghamlet rakomandazzjoni illi dan isir. **Filfatt fil-Ligi l-gdida li qed tigi mfassla huwa mahsub illi t-tfal ikunu assisititi minn *Child Advocate* waqt li l-genituri ikunu assistiti minn avukat taghhom.** Fearne xhedet illi hija ppruvat tara kienx possibli li l-access isir *supervised* izda f'xi *playground* jew per ezempju f'*McDonalds*, izda r-rikorrenti kienu rrifjutaw.

**Dr Ethel Felice[50] xhedet illi** hija *Consultant Psychiatrist* u li ilha issewgi lil JS Z xi tmien snin (8). Sostniet li l-ewwel darba li ratu kien meta gie rriferiet ic-*Child Guidance Clinic*

[49] Vide fol 151.1 et seqq
[50] Vide fol 151.14

ghaliex kellu *learning disability,* apparti *renal failure*. Kellu IQ baxx aktar minn tfal normali, ma kienx jikkoncentra l-iskola, u kien *hyperactive*. Ikkonfermat li l-familja tieghu kellha hafna problemi, l-omm kienet taht kura psikjatrika ukoll u kien hemm problemi kbar ta' *housing*. Il-*file* ta' JS reggha infetah fl-2012 meta kien rapportat illi JS kien qed juri ***sexualised behaviour* u *disrubtive* u *challenging behaviour* l-iskola**. Minhabba il-qaghda imwiera tal-kliewi tieghu, ebda *tranquilizer* ma setgha jinghata lil JS. Illi bl-ghajnuna tal-psikologi u s-*social workers,* JS mar l-quddiem u ghamel emeljoramenti sinifikanti. Minkejja l-poverta, l-IQ baxxa, n-numru ta' ulied, ic-cirkostanzi tal-*housing* taghhom, il-genituri dejjem zammew l-appuntamenti medici ta' JS. Dr Felice ezebiet Dok EF1 – in-notamenti taghha[51].

**Fl-affidavit taghha[52] Dr Valentina Bezzina**, indikat disgha (9) laqghat li fihom ir-rikorrenti, genituri tat-tfal, gew mistiedna jattendu ghal-laqghat. Dr Valentina Bezzina, in kontro-ezami xhedet illi hija ma kienitx ghamlet evalwazzjoni tas-*social and economic status* tal-genituri rikorrenti, il-ghaliex dan ma jaqghax fl-ambitu tad-doveri taghha. Hija xhedet li staqsiet lil professjonisti ohra jekk dan sarx. Bezzina xhedet illi b'ordni tal-Qorti, hija tezebixxi in-notamenti taghha. Ikkonfermat illi minkejja illi xhedet illi JS kien irrabjat ghaliex ittiehed mid-dar tal-genituri tieghu, din certament ma kienitx l-uniku raguni ghar-rabja tieghu.

**Leah Camilleri in kontro-ezami[53] xhedet** illi il-minuri ML kienet tbaghti minn *selective mutism*, din hija saret tafha biss min-notamenti tas-social workers antecedenti, ghaliex meta saret taf lil minuri, din kienet titkellem fl-iskola u anke fil-muzew. Hija sostniet illi ma ghamlet ebda ezami fuq is-*social* u *economic status* tal-genituri. Mistoqsija x'azzjoni hadet l-agenzija biex ittejjeb u teduka lil genituri, xhedet illi taf li l-agenziji offriet *counselling* lit-tfal izda ma kienitx taf dwar dak offrut lill-genituri.
Xhedet illi hija qatt ma zaret d-dar ta' R jew dik ta' L. Ezebiet il-*case reviews* Dok LCX1[54] u LCX2[55].

---

[51] Vide fol 151.14
[52] Vide fol159
[53] Vide fol 170.10
[54] Vide fol 170.15
[55] Vide fol 170.19

Ikkonfermat li l-ġenituri ma riedux awment fil-viziti sakemm tinqata il-kawża odjerna u dana minkejja li t-tfal tagħhom xtaqu dan.
Hija kkonfermat illi fl-aħħar *case review* l-avukati tar-rikorrenti għamlu din t-talba, għalkemm sa ftit qabel, F Z qalilhom li ma ridtx karita' mill-professjonisti[56].
Camilleri xhedet illi mid-data tal-ħruġ mill-Ordni ta' Ħarsien ma kien hemm ebda social worker inkarigat li jgħin lill-ġenituri.

**In kontro-eżami Joseph Antoncich[57]** , ikkonferma li fl-2007 kien social worker waqt li fil-2012 kien Leader fis-Servizz għall Ħarsien tat-Tfal.
Fl-2007 il-*focus* kien fuq C b'interventi fl-iskola. Wara mar d-dar ta' C fejn l-ambjent kien maħmuġ, r-razzett kien nofsu taħt l-art, karma minnhom bis-saqaf iqattar, meta tagħmel ix-xita, r-razzett kien soġġett għal għarar fix-xitwa, ma kienx hemm dawl u lanqas ilma u ma kienx hemm *toilet* u l –art kienet tal-*concrete* mingħajr madum.

L-intensjoni tal-professjonisti kienet li jagħtu l-assistenza lill-familja iżda ma setgħux jgħelbu d-diffikultajiet **għaliex r-rikorrenti dejjem rrifjutaw dan it-tip ta' għajnuna**. Filfatt il-ħidma tas-social workers kieent **fuq medda ta' sebgħa (7) snin qabel** ma' ħarġet l-Ordni ta' Ħarsien fl-2013. Minkejja l-isforzi tas-social workers, tal-għalliema tal-iskola u anke membri tal-knisja, il-ġenituri ma rnexxielhomx jgħelbu d-diffikultajiet.
Qatt ma sar *evalutation* fuq r-rikorrenti F Z għaliex irrifjuta li jsir dan u kien jibża li t-tfal kienu ser jiġu ttimbrati u mwarrba mis-soċjeta. Antoncich xhed li huwa qatt ma ħass, speċjalment da parti tal-omm, li kien hemm malizia jew intenzjoni li jagħmlu ħsara lit-tfal. Madanakollu Antoncich xhed li **l-missier setgħa għamel ħafna aktar għall-familja tiegħu – iżda kien joqgħod fuq, fuq il-*computer,* waqt li martu tipprova ssib il-kaptu tal-*chaos* tat-tfal.** Meta l-ġenituri **baqgħu jirrifjutaw l-għajnuna**, s-social workers baqgħu jgħinu lit-tfal u waqt li għenu lill-ġenituri indirettament. Antoncich ikkonferma x-xhieda li ta' fl-eżami tiegħu.

**Carmen Fearne in kontro-eżami[58]** ikkonfermat li dak li taf fuq il-kas jirriżultaw minn dak li s-social workers u professjonisti qalulha fuq il-kas. Xhedet illi ma kellha ebda informazzjoni li kien hemm xi investigazzjoni kriminali avolja kien sar rapport lil pulizija.

[56] Vide fol 170.12
[57] Vide fol 170.23
[58] Vide fol 174.1

Skont ma qalu t-tfal, kien hemm abbuz fiziku bejn il-genituri, bejn t-tfal u mit-tfal il-kbar fuq z-zghar.

Kkonfermat li din il-familja kienet tghix f'razzett tal-annimali, nieqes minn dawl u ilma u nieqes minn facilitajiet sanitari. D-dar li nghataw f'L, minkejja il-limitazzjonijiet inklus li ma kellhiex bibien interni, kienet hafna ahjar mir-razzett. Apparti l-kondizzjoni mentali tal-omm, ma sar ebda *evaluation* fuq l-IQ tal-genituri. **Fearne spjegat li kienu offrew lill-genituri taghhom stharrig fuq *parental skills* u assistenza ta' psikologu izda l-genituri rrifjutaw u l-attitudni kienet li *la hadtuhom it-tfal, hudu hsiebhom intom.***

**Samuel Fenech[59] in kontro-ezami xhed** illi l-irwol tieghu fil-*home* kienet wahda ta' sostenn ghat-tfal mhux rwol investigattiv, u kien jaf illi kull allegazzjoni maghmula kienet diga saret mac-*Child Protection* li ghalhekk hadu il-passi necessarji. Huwa sostna li kien hemm element qawwi ta' *neglect* li kien evidenti mill-agir tat-tfal li la kienu jafu jinhaslu, la jafu jirregolaw *bowel movement* u tfal ma kienux jafu attivitajiet socjali semplici. Fenech kkonferma li t-tfal xtaqu aktar kuntatt mal-genituri taghhom u li kienu jhossu n-nuqqas ta' darhom u l-ambjent fiziku tad-dar.

Fenech xhed li r-rakomandazzjoni tieghu kienet li l-access jizdied izda jibqa taht supervizjoni. Fenech ma dehrlux li s-sala fejn kienet tinzamm l-laqgha ghall-genituri mal-professjonisti kien tispira l-biza' fil-genituri. Kien ikun hemm preavviz ta' gimgha lill-genituri ghal dawn il-laqghat. Fenech xhed li qatt ma nforma lill-genituri li setghu jgibu lil avukat ghar-*reviews.*

Fenech ikkonferma lill-genituri tat-tfal setghu dejjem jikkontatjawhom permezz tas-support line 179.

It-tfal kienu jistghu jcemplu d-dar lill-genituri taghhom. Il-genituri ma setghux jaghmlu dan kif u meta riedu huma ghaliex ma kellhomx access ghal *mobile phone.*

**Amanda Muscat in kontro-ezami[60]** ikkonfermat li kienet marret id-dar tar-rikorrenti L. Mistoqsija tghid r-raguni il-ghaliex JS kien mdejjaq d-dar, Muscat xhedet li qatt ma taha raguni specifika ghal dan.

Mistoqsija fuq r-relazzjoni bejn JS u C, Muscat xhedet li C kien jimmasturba quddiemu u jaqbad mieghu ghaliex ma kienx kapaci jaghmel l-istess. It-tfal kollha kienu affettwati

[59] Vide fol 174.8
[60] Vide fol 179.29

b'dak li kien qed jigri f'darhom u **dan kien evidenti minn fatturi ta' *bedwetting soiling, mutisim* u t-tpengija li t-tfal kienu jaghmlu ma' psikologi taghhom**.[61]

Regward r-*Renal Failure* ta' JS, l-omm kienet tiehu hsieb tal-appuntamenti mat-tobba u sptarijiet. L-intimati ezebew DOK AG1 sa 5 il-*case review plan,* datat 8 ta' Marzu 2017[62] tal-hamest itfal u ***e-mail* DOK LC[63] li tindika li r-rikorrenti ma riedux jinvistaw t-tfal taghhom fis-sajf tal- 2017.**

**Carmen Fearne[64]** ikkonfermat li xahar qabel ma iltaqa il-Bord, il-professjonisti u *social workers* ta' tfal taht Ordni tal-Harsien, jghamlu *case reviews* u johorgu r-rakkomandazzjonijiet taghhom. Il-Bord imbaghad fil-laqghat bi annwali jezamina dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Fearne xhedet li taf li l-genituri u t-tfal jixtiequ jinghaqdu f'darhom. Mistoqsija x'ghajnuna qed tinghata lill-genituri, **Fearne xhedet illi l-genituri rrifjutawha kull ghajnuna sakemm tinqata l-kawza.**

In-nanniet tat-tfal jattendu ghall-visiti **izda qatt ma lissnu xi xewqa li jiehdu t-tfal jghixu ghandhom.** Ir-raguni ghal Ordni ta' Harsien fuq it-tfal in kwistjoni kien l-abbuz sesswali – bejn il-genituri - u dawk tat-tfal bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda azzjoni da parti tal-genituri ta' hamest itfal minuri imqieghda taht Ordni tal-Harsien – azzjoni fis-sens li l-Ordni ta' Harsien mahruga mill-Ministru fuq uliedhom jikser id-drittijiet fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali u independent, id-dritt taghhom ghal rispett tal-hajja privata u tal-familja taghhom u ghal rimedju effettiv. Il-Genituri ilmentaw li qed isofru tali lezjoni tad-drittijiet imsemmija ghaliex il-Ligi, li permezz taghha inhareg l-Ordni ta' Harsien, ma tipprovdix mezz ghal stharrig quddiem Qorti fuq il-validita' o meno tal-Ordni jew ghal revoka jew bdil tieghu hlief tramite il-Ministru, li taht l-Awtorita', tieghu tkun harget l-Ordni ta' Harsien.

[61] Liema tpingija li kienet turi il-genetalia maskili

[62] Vide fol 187

[63] Vide fol 227

[64] Vide fol 230

L-intimati irrispingew l-allegazzjonijiet li l-genituri qed isofru tali lezjoni td-drittijiet taghhom ghaliex il-Ligi – Kap 285 tal-Ligijiet ta' Malta – jaghti rimedji ta' *reviews* u moniteragg regolari u kontinwu u jipprovdi ghal garanziji neccessarji biex jinkiseb il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-ulied u tal-genituri taghhom. Gie sottomess ukoll li Ordni tal-Harsien mhijiex legalment irrevokabbli.

Artikolu 6 tal-Qorti tal-**Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bnidem u Libertajiet Fundamentali** tipprovdi illi:

> ***" In the determination of his civil rights and obligations ... everyone is entitled to a fair ... hearing ... by [a] ... tribunal"***

Il-Qorti taghraf illi l-ilment tar-rikorrenti jikkoncerma primarjament li huma prekluzi milli jikkontestaw l-Ordni ta' Harsien f'kas ta' bdil ta' cirkostanzi ghaliex il-Ligi nnifisha ma tipprovdiex ghal procedura specifika ghal dan il-ghan.

Il-Qorti Europea (ECHR) gia kellha l-opportunita li tghallem illi id-dritt ghal access tal-Qorti, iffisser li l-individwu ghandu jinghata **"*a clear and practical opportunity to challenge an act interfering with his civil rights.*"**[65]

Di piu' din il-Qorti tgharaf illi l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali gia kellha l-opportunita' illi tiddeciedi u tqis li genituri, fl-istess posizzjoni tar-rikorrenti, m'ghandhom ebda access lill-Qorti biex jissindikaw il-hrug, validita', u kontinwita' ta' Ordni ta' Harsien*:*

> ***"Madankollu, ma jidher li l-liġi tipprovdi għall-ebda rimedju ġudizzjarju ieħor fil-każ ta' min ikun naqas li joġġezzjona għal ordni fiż-żmien statutorju msemmi, jew għal min, minkejja li ma tkunx intlaqgħet l-oġġezzjoni, ikun jixtieq li jitlob reviżjoni minn żmien għal żmien taż-żamma fis-seħħ ta' ordni bħal dak. Huwa dwar din l-aħħar ċirkostanza li r-rikorrenti ssejjes l-ilment tagħha bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni."***[66]

[65] Vide **DeJorio vs Italy** app.no **73936/01** para. 45 deciza **3rd June 2004.**
[66] **Marianne Decelis vs AG** deciza per Imhallef JR.Micallef fi-**2 ta' April 2009**

Mhux hekk biss, izda l-Qorti Ewropea fil-kas ta' **M.D and Others vs Malta**[67] diga kellha l-opportunita li tirritjeni:

***"55. The Court notes that the Civil Court in its constitutional jurisdiction had found that there was no remedy granting access to a court for the first applicant or anyone in her position wanting to have the merits of a care order re-examined (see paragraph 18 above). Similarly, the Constitutional Court alluded to the same conclusion, although it did not make a finding on that issue (see paragraph 22 above). The Government have not submitted that a judicial remedy existed to challenge a care order during the time it was in force, namely until the minors reached eighteen years of age. Indeed, the Government argued that the courts would not be the right venue for such an assessment. The Court considers that such an argument runs counter to the entire basis of Article 6, which provides for access to an impartial and independent tribunal for the determination of civil rights and obligations. It is precisely a tribunal's role to supervise administrative action in any field and guarantee freedom from arbitrariness. Moreover, any assessment made by the courts would evidently take into consideration the input given by the relevant actors, such as the social workers in the present case. It follows that the Government's argument is no excuse for the fact that the Maltese system provided no access to a tribunal which could evaluate the applicants' situation.***

***56. Moreover, the Court cannot accept that a review by the social workers who reported to the Minister, who could in turn revoke a care order, would constitute an "impartial and independent tribunal". Furthermore, the legal framework providing for this process did not afford the possibility for the applicants to make such an application, nor has it been shown that any decision in this field would be written and made public in order to provide for the possibility of a judicial review.***[68]

[67] 64791/10 deciza fis-**17 ta' Lulju 2017**
[68] App.Nru 64791/2010 deciza fis-**17 ta' Lulju 2017**

Illi ghalhekk fuq l-insenjamenti fuq citati, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rikorrenti sofrew lezjoni fid-dritt taghhom ghal access ghall-Qorti sabiex jimpunjaw jew jitolbu ghall-revoka jew ghal bdil tal-Ordni ta' Harsien mahrug fuq uliedhom.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll fuq lezjoni tad-dritt taghhom kif sancit minn Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Europea, liema Artikolu jipprovdi:

1. ***"everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.***

2. ***there shall be no interference by a public authority with the exercise of this right expect such as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others."***

Il-Qorti taghraf illi sabiex indhil fil-hajja privata u tal-familja ma jkunx meqjus in vjolazzjoni ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea irid ikun:

1. **Indil minn Awtorita' kompetenti li jkun skond il-Ligi;**
2. **Li l-indhil ghandu ghan legittimu skond Artikolu 8(2);**
3. **Li l-indhil huwa mehtieg f'societa demokratika;**

Il-Qorti Ewropea tesigi illi sabiex l-indhil jitqies illi huwa mehtieg f'socjeta demokratika, l-interferenza trid tkun gejja minn ***"a pressing social need"*** **li jkun porporzjonat ghal ksieb tal-ghan legittimu.**[69]

Di piu' il-Qorti trid tkun konvinta li hemm bilanc gust bejn l-interessi tal-individwu u dik tal-kommunita' u li l-istat ghandu ***"a wide margin of appreciation"*** li jvarja skond in-natura u l-importanza tal-materji u nteressi in diskussjoni.

Il-Qorti Europea wissiet pero' illi:

---

[69] Vide **Kutzner Vs Germany** app. No. 46544/99 para 60.

> ***"a stricter security is called for in respect of any further limitations such as restrictions placed by those authorities of parental rights of access of any, legal safetyguards designed to secure an effective protection of the right parents and children to respect for their family life"[70]***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ghalhekk tghaddi biex tezamina l-allegat lezjoni ta' l-Artikolu 8 skond ir-rekwiziti fuq indikati u dana fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kas.

Illi fil-kas in ezami mhuwiex kontestat illi l-Ordni ta' Harsien saret skond il-Ligi. Infatti fir-rikors promotur ebda lanjanza ta' din n-natura ma tqanqlet. Il-Qorti innutat pero' illi fil-kors ta' smiegh ta' din il-kawza, saru tentattivi biex jintefa dell fuq din il-validita' tal-Ordni ta' Harsien fuq it-tfal in kwisjtoni, minghajr pero' ma ngab xi hjiel ta' prova konvincenti dwar dan.

Illi lanqas ma hemm dubbju li l-mizura li tittiehed – cioe' l-Ordni ta' Harsien, kellha ghan legittimu ghaliex l-protezzjoni tat-tfal minuri, hija fost l-aqwa mill-ghanijiet mhaddna mill-Konvenzjoni u mill-Qrati Europei. Ciononstante, dak li jrid jigi ezaminat minn din il-Qorti huwa kemm-il darba l-Ordni ta' Harsien kienux mizuri proporzjonati fic-cirkostanzi tal-kas.

Huwa mifhum illi l-konsiderazzjoni tal-ahjar interess tat-tfal f'dawn it-tip ta' kawzi, huwa ta' mportanza krucjali. Ugwalment krucjali li jinftiehem hu l-fatt illi c-cahda kompleta tad-drittijiet ta' genitur ma' uliedu hija mizura b'konsewgwenzi horox fuq il-familja intiera u tista' tkun inkonsistenti mal-ghan ghal ghaqda eventwali tal-familja.

Ghalhekk dawn il-mizuri ghandhom jigu applikati biss f'cirkostanzi eccezzjonali u fejn huma motivati minn dak li gie msejjah bhala:

[70] Vide **T.P and KM vs UK** app. No. 2895/95 para 71

***" an over-riding requirement pertaining to the child's best interests"*** [71]

Fil-kas in ezami il-mizura ta' Ordni ta' Harsien taffettwa d-drittijiet ta' kura u kustodja tal-ulied izda mhux d-drittijiet tal-genitur.

Illi applikati il-principji fuq elenkati hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi il-mizuri Ordni ta' Harsien u is-supervizjoni impost fuq id-dritt ta' access ghat-tfal kienu maghmula f'cirkostanzi li din il-Qorti tikkonsidra bhala:

> ***"exceptional circumstances and can only be justified if they are motivated by an over-riding requirement pertaining to the child's best interest."*** [72]

Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-provi kumulattivi u volominuzi f'dan il-kas, inklus *video conference* tal-minuri koncernati, juri li t-tfal f'din il-familja kienu mitfugha f'cirkostanzi li jwahxu: fejn il-missier ma jahdimx u hu preklus li jahdem ghaliex gie *Boarded Out*; missier li lanqas ghandu l-hila li jzomm lilu nnifsu nadif; missier li ma jara xejn hazin li jara films pornografici b'volum tas-*sound* gholi f'dar ta' ftit ikmamar; missier li ma jaghrafx il-htiega li jikkoregi lil uliedu; missier li jiggieled fizikament ma' ibnu l-kbir, meta ibnu jghidlu biex ibaxxi s-*sound* tal-film pornogrfici li l-missier jkun qed jara meta t-tfal ikunu prezenti fid-dar; missier li donnu qatt ma kien prezenti biex jikkoregi il-*power play* ikrah bejn l'ulied, fejn il-kbar isawtu lil huthom iz-zghar, jesponu il-genitali taghhom u jimmasturbaw quddiem it-tfal iz-zghar u jilaghbu il-famuza ***"it's a rape day"*** gharwenin. Ghal dan kollu, kien missier apparentament assenti.

L-omm kienet tbaghti minn skizofrenija, u minkejja din id-diffikulta, ghamlet hilietha f'cirkostanzi ta' deprivazzjoni kbira, biex tlahhaq mas-sitt (6) ulied taghha. Kienet hi li zzomm l-appuntamenti tat-tobba u l-appuntamenti fl-isptarijiet ghal binha JS li kien ibghati minn *renal failure*.

[71] Vide **Sahou and Pircalals para 47, Jo Hansen vs Norway, 7 ta' Settembru 1996** para 68 &78
[72] Vide **M.D and Others** ibid para 76

L-isfortuna ta' nuqqas ta' *housing* adekwat, kompliet tgharraq il-familja li kienet kostretta tghix f'razzett tal-annimali, f'zewgt ikmamar bla dawl, bla ilma, bla facilitajiet sanitarji, b'"*toilet"* jikkonsisti f'toqba fil-hamrija – b'rizultat li t-tfal kienu jipporgaw tahthom sa eta' avvanzata – anke fil-hinijiet tal-iskola. Konsegwenza ta' nuqqas totali ta' awtorita' u tmexxija korretta mill-genituri, il-bniet, specjalment ML, kienet tbaghti minn *selective mutism*, waqt li MR kellha tissubixxi li hutha il-kbar subien jorqdu maghha. Dawn huma ftit mit-trawmiet li ghaddew minnhom it-tfal li gew mgharfa lill-Qorti minn numru konsiderevoli ta' social workers, psikologi u psikjatri li taw l-ghajnuna professjonali lit-tfal li llum l-gurnata huma migbura u kkurati flimkien go *home*.

Altru li jezistu dawk c-cirkostanzi eccezzjonali, altru li jikkonkorru dak l-imsejjah *"over-riding requirement pertaining to the child's best interests."*

Illi ghalhekk huwa car illi l-mizura ta' indhil, cioe' l-Ordni ta' Harsien ma tistghax hlief titqies bhala wahda **"mehtiega socjeta demokratika fl-interessi tal-protezzjoni tas-sahha u tal-morali" tal-istess tfal.**

Illi apparti dan kollu, il-Qorti tgharaf illi l-genituri irresistew kull sforz tas-social workers ghat-titjieb fil-kundizzjonijiet tas-*Supervised Access Visits* (SAVs) u hadu l-attegjament li jew jigu ritornati t-tfal jew la haduhom, jiehdu hsiebhom s-social workers. Kien hemm sahansitra resistenza ghall-awment fid-durata tal-SAVs jew bdil fl-ambjent fejn isiru l-istess visiti, apparentament minhabba l-esistenza ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tqis illi dawn huma biss skuzi fierha ta' genitur, l-missier, li m'huwiex komdu jbiddel hajtu ghal uliedu. Sfortunatament l-omm tidher illi hija taht il-kontroll assolut ta' zewgha.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux ir-rekwiziti fuq indikati biex jigi sostnut lezjoni ta' dritt ta' familja protett taht Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Europea.

Ir-rikorrenti, genituri tal-hamest ahwa taht Ordni ta' Harsien, talbu ghal rimedju effettiv inkluz dak ta' rexissjoni tal-Ordni ta' Harsien fuq uliedhom.

Il-Qorti ga sabet lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea. Dwar r-rimedju xieraq u effettiv, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti mill-**Imhallef J.R Micallef** fis-sentenza tieghu tat-2 ta' April 2009[73];

> ***"Illi fost it-talbiet tar-rikorrenti, saret waħda biex din il-Qorti tħassar l-ordni għall-ħarsien dwar ulied ir-rikorrenti. Din il-Qorti ma tistax tilqa' talba bħal dik. Dan jingħad l-iżjed għaliex din il-Qorti ma sabitx li r-rikorrenti kellha raġun dwar l-allegat ksur tal-jedd tagħha taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Filwaqt li safejn sabet li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha taħt l-artikolu 6(1) u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, ir-rimedju m'huwiex awtomatikament dak tat-tħassir tal-ordni għall-ħarsien, imma huwa d-dritt ta' aċċess għal proċediment li jkun jista' jqis is-siwi taż-żamma fis-seħħ ta' dak l-ordni u tal-kundizzjonijiet li taħthom sar;***
>
> ***Illi t-tielet talba tar-rikorrenti hija biex din il-Qorti tagħti kull rimedju effettiv għall-ksur tal-jeddijiet vantati. Hawn ukoll jgħodd l-argument magħmul dwar it-tieni talba. Ladarba din il-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrenti ġarrbet ksur taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni din <u>il-Qorti hija tal-fehma li dan il-ksur jista' jkun rimedjat biss bl-intervent tal-leġislatur,</u> u għalhekk tista' u sejra tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex dan l-ilment ikun indirizzat mill-fergħa tal-istat li għandha s-setgħa li tagħmel dan;"***

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel, t-tieni u t-tielet, it-tmin u d-disgha eccezzjoni tal-intimati;**

**Tilqa' ir-raba', il-hames, is-sitt u s-sebgha eccezzjoni tal-istess intimati u ghaldaqstant:**

[73] Vide **Marianne Decelis proprio et nomine vs Avukat Generali**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;**

2. **Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti; u**

3. **Tilqa' parzjalment it-tielet talba izda tichad dik il-parti tat-talba taghhom ghar-rexissjoni tal-Ordni tal-Harsien fuq ulied ir-rikorrenti; Tipprovdi dwar it-tielet talba limitatament billi tiddikjara li sa fejn il-Ligi tirrigwarda il-hrug ta' Ordnijiet ghall-Harsien dwar il-minuri – l-ATT XVIII tal-1980 Kap 285 tal-Ligijiet ta' Malta - ma jaghtix lill-parti interessata id-dritt ta' access ghal-Qorti indipendenti u imparzjali ghad-determinazzjoni tal-validita' jew ghal revoka ta' ordni bhal dak, dak in-nuqqas jikkonsistwixxi ksur tal-jedd imhares bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Tordna lir-Registratur tibghat kopja ta' din is-sentenza lil lis-*Speaker* tal-Kamra tar-Rapprezentanti.**

**L-ispejjes tal-kawza fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**